MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 123/2003

**Tal-Maghtab Construction Co. Limited**

**Vs**

**Melita Cable p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta’ attrici pprezentata fl-24 ta’ Frar, 2003 fejn wara li ppremettiet illi lejn l-ahhar ta’ Novembru 2002, certament wara l-25 ta’ Novembru 2002, is-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited giet ghal konoxxenza ta’ sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr S Meli datata 22 ta’ Ottubru, 2002 (avviz numru 515/02SM) fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited, kopja informali taghha tinsab hawn anessa u markata bhala Dok A;
Peress illi s-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited giet ghal konoxxenza ta’ din l-istess sentenza

stante illi giet notifikata b'Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 2471/02 fl-ismijiet premessi, kopja nformali tieghu hawn anness u markat bhala Dok B;

Peress illi wara ndagini li saret fl-atti tal-kawza li jgib l-avviz numru 515/02SM irrizulta illi l-avviz mertu ta' dik il-kawza thalla ma' Alexia Baldacchino li tigi bint wiehed mid-diretturi tas-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited, ezattament bint Theodosius maghruf bhala Dennis Baldacchino u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok C;

Peress illi Alexia Baldacchino illum ghandha tnax-il sena u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok D;

Peress illi l-kawza li ggib l-avviz numru 515/02SM qatt ma giet notifikata lis-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited kif trid il-ligi u anqas ma waslet ghand is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited jew id-diretturi taghha;

Peress illi qabel ma rceviet il-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 2471/02 fl-ismijiet premessi s-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited qatt ma kienet taf bil-kawza li ggib in-numru 515/02SM;

Peress illi s-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited giet ghal konoxxenza tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat S. Meli datata 22 ta' Ottubru, 2002 (avviz numru 515/02SM) fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited wara li ddekorra t-terminu stabbilit sabiex hija tinterponi appell mill-istess sentenza;

Peress illi fl-umili opinjoni tas-socjeta' attrici fl-fatti fuq esposti jaghtu lok, ai termini tal-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal talba ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited (Avviz Numru 515/02SM) deciza

fit-22 ta' Ottubru, 2002 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat S Meli;

Tablet lil din il-Qorti illi:

1. Tiddikjara illi l-atti tal-kawza fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited (Avviz Numru 515/02SM) deciza fit-22 ta' Ottubru, 2002 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat S Meli ma gewx notifikati lis-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited, il-parti telliefa f'dik il-kawza;

2. Tordna r-revoka u t-thassir tas-sentenza tat-22 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited (Avviz Numru 515/02SM) moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat S Meli;

3. Tordna illi l-kawza fl-ismijiet Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited (Avviz Numru 515/02SM) deciza fit-22 ta' Ottubru, 2002 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat S Meli tigi ritrattata fl-intier taghha fir-rigward tal-kapijiet kollha tal-istess sentenza u dana ai termini tal-artikolu 811 (b) u l-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
Bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra s-socjeta' Melita Cable p.l.c. li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' ritrattata Melita Cable plc fejn eccepiet illi:

1. Illi primarjament is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited trid tipprova li ma gietx notifikata bl-avviz tas-smiegh li waslu ghas-sentenza ta' 22 ta' Ottubru, 2002.

2. Illi in linea preliminari wkoll irid jigi pruvat li l-azzjoni odjerna ghar-ritrattazzjoni giet intavolata fil-perjodu ta' tlett xhur meta s-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited kienet taf bil-kawza li qed tigi ritrattata.

3. Illi minghajr pregudizzju s-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited trid tipprova l-fatti kif allegata minnha.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ ritrattata Melita Cable plc m’ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta’ din l-odjerni kawza.

**5.** Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta’ Ottubru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet “Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited” (Avviz Numru 515/02SM) din l-ahhar socjeta’ giet ikkundannata thallas lis-socjeta’ Melita Cable l-ammont ta’ erbat elef mija u hamsa u hamsin lira (Lm4,155) bhala danni wara hsara kkawzati mis-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited fuq cables appartenenti lis-socjeta’ Melita Cable. Sussegwentement fil-25 ta’ Novembru 2002 il-Qorti tal-Magistrati ordnat il-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru fil-konfront tas-socjeta’ Tal-Maghtab Construction Co. Limited.

Skond Dennis Baldacchino direttur ta’ l-istess socjeta, kien f’dan l-istadju, illi saru jafu bil-gudikat fil-konfront taghhom u ghalhekk bdew din il-kawza ta’ ritrattazzjoni fuq il-bazi li ma kienux validament notifikati bil-kawza.

Ghal dak li jirrigwarda n-notifika rrizulta mill-provi li l-att tal-Qorti gie moghti lil Alexia Baldacchino, t-tifla tad-direttur Tal-Maghtab Construction Co. Limited Dennis Baldacchino. Irrizulta wkoll illi din it-tifla kellha tnax-il sena dak-in-nhar illi rceviet l-att (ara fol 10 –11). Din in-notifika hija fiha nnifisha nulla peress illi r-recevitur ma kellhiex l-eta’ statutorja ta’ erbatax-il sena. Barra minn hekk, kif

xehed missierha Dennis Baldacchino mhuwiex soltu illi din it-tifla tircievi l-atti tal-Qorti. Normalment meta jkun notifikat fir-residenza tieghu tkun il-mara tieghu li tircevihom u tghaddihomlu. F'dan il-kaz minnkejja l-isforzi tieghu l-att li rceviet Alexia Baldacchino ma setax jigi rintraccat u ghalhekk is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited baqghet ghall-insaputa tal-proceduri legali illi l-Melita Cable istitwew kontra taghhom.

Ghalhekk il-kontumacja fl-ewwel kawza mhijiex valida peress li jonqos l-element essenzjali tan-notifika jew ix-xjenza illi hemm kawza fil-konfront ta' dak li jkun bil-possibilta' ta' kontestazzjoni jekk ikun il-kaz. Fis-sitwazzjoni odjerna dan ma setax javvera ruhu u ghalhekk bir-ragun is-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited qieghda titlob ir-ritrattazzjoni tal-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta' attrici. Tiddikjara illi l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited" (Avviz Numru 515/02SM) deciza fit-22 ta' Ottubru, 2002 ma gietx validament notifikata s-socjeta' Tal-Maghtab Construction Co. Limited u ghalhekk tordna r-revoka u thassir tas-sentenza fuq imsemmija u tordna wkoll il-prosegwiment tal-kawza originali "Melita Cable p.l.c. vs Tal-Maghtab Construction Co. Limited" bis-smiegh tal-provi.

Bl-ispejjez ta' dan il-gudikat kontra s-socjeta' konvenuta Melita Cable plc.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------